Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9087 — Mondi Štětí/Holzindustrie Maresch/Eco-Investment/Labe Wood)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 410/06)

1. Fil-5 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mondi Štětí a.s. ("Mondi Štětí", ir-Repubblika Ċeka), ikkontrollata minn Mondi A.G. (l-Awstrija)

— Holzindustrie Maresch GmbH ("Holzindustrie Maresch", l-Awstrija)

— Eco-Investment a.s. ("Eco-Investment", ir-Repubblika Ċeka)

— Labe Wood s.r.o. ("Labe Wood", ir-Repubblika Ċeka)

Mondi Štětí, Holzindustrie Maresch u Eco-Investment jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Labe Wood.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' kuntratt jew kwalunkwe mezzi oħrajn.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Mondi Štětí: Il-provvista ta' karta ħoxna u polpa għas-suq u l-manifattura ta' karta kraft ta' kwalità għolja.

— Holzindustrie Maresch: Manifattura ta' prodotti tal-injam u speċjalizzazzjoni fil-manifattura ta' njam isserrat.

— Eco-Investment: Investimenti azzjonarji fl-industriji tal-karta, l-imballaġġ, l-ipproċessar tal-laħam, l-enerġija u l-proprjetà immobbli.

— Labe Wood: Il-bini u t-tħaddim ta' impjant għas-serrar tal-injam, il-produzzjoni ta' injam isserrat u prodotti sekondarji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9087 — Mondi Štětí/Holzindustrie Maresch/Eco-Investment/Labe Wood

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.